**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 576/00**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Camilleri)**

**vs**

**Neil Carl Farrugia ta' 18 sena, iben**
**Emanuel u Catherine nee Saydon, mwieled**
**Pieta' fit-28 ta' Gunju, 1982, u residenti**
**35, Triq Santa Maria, B'Kara,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 347982 (M).**

**Jeremy James Farrugia ta' 15 sena bin**
**Emanuel u Catherine nee Saydon, imwieled**
**Pieta' fil-11 ta' Novembru, 1984 u joqghod**
**35, Triq Santa Maria, B'Kara, detentur**
**tal-karta ta' l-identita' numru 558384 (M).**

**Illum 9 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Neil Carl Farrugia u Jeremy James Farrugia fejn gew akkuzati talli fit-12 ta' Awissu, 2000 ghall-habta ta' xi 4.45 a.m. flimkien ma' persuna/I ohra mhux maghrufa, ikkommettew serq ta' deheb li l-valur tieghu jeccedi l-ammont ta' elf lira Maltin mill-hanut 'Francis Meli Jewellery' sitwat fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ghad-dannu ta' Maurice Busuttil minn San Gwann, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bi vjolenza numerika u dan bi ksur tal-artikoli 261 (a), (b), (c), (f), 262 (1), (b), 263, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara volontarja fix-xutter u fil-hgieg tal-vetrina tal-hanut fuq imsemmi ghad-dannu tal-istess Maurice Busuttil, liema hsara hija ta' aktar minn Lm 50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm 500 (hames mitt lira Maltin) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa (li l-valur taghhom jaccedi l-elf lira Maltin), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U takkuza lil Jeremy James Farrugia wahdu talli b'hekk jitqies recidiv b'sentenza li saret definittivi moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 1999 u aktar talli kiser il-provediment tal-artikolu 5 Kap 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Lulju, 1999 (Mag. Dr Silvio Meli LL. D.)

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika wkoll l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali a fol 134 mahrug kontra z-zewg imputati fejn inhargu l-artikoli taht liema tista' tinstab htija kontra l-akkuzati ahwa Farrugia u cioe l-artikoli 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 279, 280, 281, 334, 325(b), 289, 49, 50, 17 (h), 31, 20, 23, u 533 tal-Kap 9.

Rat li l-akkuzati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (a fol 140).

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2001 Dr Fenech Adami ghal Jeremy James Farrugia ammetta l-akkuza ta' serq pero' mhux aggravata bi vjolenza u valur. Dr Anthony Cutajar ghall-akkuzat Neil Carl Farrugia ammetta l-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz, hin, valur u wkoll l-akkuza tar-recidiva.

In vista ta' l-ammissjoni taghhom il-Qorti se tghaddi biex tezamina jekk tezistix htija fir-rigward tar-reati mhux minnhom ammessi.

Fir-rigward tas-serq aggravat bil-vjolenza din il-Qorti taqbel li tali aggravju ma jezistix in kwantu ghall-fatt li ma gietx sufficjentement

ippruvata li l-ahwa Farrugia wettqu s-serq fil-kumpanija ta' persuna ohra. Ghaldaqstant qed tilliberahom mis-serq hekk aggravat.

Dwar l-aggravju tal-mezzi lilhom addebitati jirrizulta b'mod oltre che sodisfacenti tali aggravju, mill-mod kif tkissret l-istess vetrina tal-hanut derubat biex gie kommess l-istess reat. Ghaldaqstant issibhom hatja ta' tali aggravji.

Dwar l-aggravji ta' l-ammont. Gie ben stabilit mir-rapport ta' Joseph Mallia, li d-deheb rikoverat jeccedi fil-prezz tieghu il-mitt lira Maltin, zgur li tali aggravju hu wkoll sufficjentement pruvat u ghalhekk issibhom ukoll hatja fuq l-istess.

Dwar l-aggravju tal-hin, il-Qorti tqis li anke tali aggravju, tenut kont ta' dak stess li qalu l-istess akkuzati fl-istqarrija taghhom, cioe l-hin il-wasla l-Belt, u tenut kont ukoll tal-hin x'hin gew seen mill-pulizija, li tali aggravju huwa wkoll pruvat u ghalhekk huma ukoll hatja ta' l-istess.

Ghaldaqstant qeghda ssibhom hatja ta' serq aggravat kif premess wara li rat l-art 261 (b) (a) (f), 263, 264, 265,266, 267, 278, 330, 279, 280 , 281 u fil-konfront ta' Jeremy James Farrugia biss hati wkoll taht l-artikolu 289, in vista tas-sentenzi esebitit (Dok JF1).

Dwar ir-reat ikkontemplat taht l-artiklu 334 tal-Kap 9, cioe dak ta' ricettazzjoni dak huwa reat assorbit fir-reat principali ta' serq.

Dwar l-artikolu kkontemplat taht l-artikolu 325 (b) tal-Kap 9. Tqis li anke dan il-fatt gie sufficjentement ippruvat kemm mir-rapport ta' l-espert A. Camenzuli Dok APC 1 u x-xhieda ta' l-istess sid cioe Maurice Busuttil.

Dwar ir-recidiva kkontemplata fl-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 Neil Carl Farrugia kien gia kif premess ammetta tali akkuza. Fil-konfront ta' Jeremy James Farrugia, rat li l-akkuza originali kienet titkellem dwar sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell datata 24.11.99.

Rat li mill-fedina penali tieghu, din is-sentenza hija wahda (salv ohra mhux hemm riprodotta) mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta. Rat id-dok JF1 a fol 67 u x-xhieda ta' l-ispettur Simon Galea a fol 124 dwar l-identita' fil-konfront ta' l-istess sentenza. Ghaldaqstant tqis lil Jeremy James Farrugia recidiv ai termini ta' l-imsemmija artikoli.

Illi l-Qorti damet u hasbet fit-tul dwar dak li ghandha tkun il-piena idonea ghaz-zewg imputati. Rat f'dan ir-rigward ir-rapporti kollha esebiti mid-difiza cioe dak ta' Dr Joan Holloway u Dr Joseph Spiteri. Semghet ukoll ix-xhieda ta' Mariella Camilleri u Dr Joseph Spiteri.

Jidher li hemm qbil bejn it-tobba kollha, huma tal-parir u dan fil-kaz ta' Jeremy James li dan m'ghandux jinghata piena karcerarja. Anzi sar hafna enfazi li dan ghandu bzonn ghajnuna biex johrog mill-problema li ghandu, cioe dik ta' "social conduct disorder". Din il-Qorti giet anke moghtija l-impressjoni li fil-fatt illum l-akkuzat tant sejjer tajjeb. Dan kollu jipperplessa l-Qorti konfrontata bix-xhieda li rrizultat segwenti zewg rikorsi tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar allegat ksur ta' bail, li fil-fatt wasslu ghar-riarrest ta' l-akkuzat Farrugia. Fil-fatt gie pruvat li huma t-tnejn instabu barra l-hin tar-rinkazar, kien aktar Jeremy ferm arroganti mal-Pulizija u oltre hekk Jeremy James Farrugia (dejjem akkompanjat minn huh Neil Carl) instab ukoll fil-pussess ta' arma tan-nar li ghaliha ma ghandux permess.

Din l-imgieba minn l-ahwa Farrugia zgur ma turi ebda progress fil-konfront ta' ebda wiehed minnhom.

Ghaldaqstant qedghda ssibhom hatja kif premess wara li rat l-artikoli 261(1) 261 (b) (c) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 330, 279, 280, 325, 49, 50 u fil-konfront biss ta' Jeremy James anke hati taht l-artikolu 259, 17, 20, 31, tal-Kap 9.

Dwar il-piena fir-rigward ta' Jeremy James Farrugia rat ukoll l-artikolu 37 tal-Kap 9 u tinzel grad, tapplika d-diskrezzjoni lilha moghtija taht l-artikolu 289 u ttella' grad pero' ma tapplikax f'dan il-kaz it-tlugh tal-gradi kkontemplati fl-artikolu 50 tal-Kap 9 u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' ghoxrin xahar habs.

Fil-konfront ta' Neil Carl Farrugia tqis li anke minhabba l-fatt li anke jekk ftit l-imgieba tieghu hija ahjar minn ta' huh, ma tapplikax l-art 50 tal-Kap 9 u tikkundannah tmintax-il xahar habs. B'dan li fil-kaz taz-zewg imputati ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.